MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1097/2012

Edward **VELLA**

**Vs**

Carmelo *sive* Charles **DEGUARA** u martu Rose Deguara

**Il- Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fl-1 ta' Novembru, 2012, li bih ir-rikorrent għar-raġunijiet hemm imfissra talab,

a) li din il-Qorti taqta' l-kawza mingħajr smigħ għall-finijiet tal-artikoli 167 sa' 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrkin, solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-attur is-somma ta' tmienja u hamsin elf tmien mija u sittax-il euro u tnax-il ċenteżmi (€58,816.12) li tirrappreżenta in kwantu għal disgħa u erbgħin elf euro (€49,000) l-import ta' seba' (7) *cheques* minnhom

maħruġa, debitament ġirati u mhux onorati; u in kwantu għal disat elef tmien mija u sittax-il euro u tnax-il ċentezmi (€9,816.12) rapprezentanti l-imgħax kummerċjali fuq kull wieħed mill-imsemmija *cheques* mid-data tal-iskadenza ta' kull wiehed sal-jum li fih infetħet il-kawża;

Talab ukoll l-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-intimati;

Rat li, meta ssejħet il-kawża deher biss l-intimat, mgħejjun minn avukat, li talab li l-Qorti tħalli lill-intimati jikkontestaw il-kawża;

Semgħet lill-intimat taħt ġurament;

Rat id-degriet tagħha tal-lum li bih sabet li l-intimati ma tawhiex raġuni tajba biex jitħallew jikkontestaw il-kawża;

Semghet l-Avukat ta' l-attur;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tal-intimati tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur** u taqta' l-kawza mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-attur s-somma ta' tmienja u ħamsin elf, tmin mija u sittax-il euro u tnax-il ċenteżmi (€58,816.12) rappreżentanti l-import ta' seba' (7) *cheques* u l-imgħax kummerċjali fuq kull wieħed minnhom kif fuq ingħad, flimkien mal-imgħaxijiet legali ulterjuri fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-2 ta' Novembru, 2012, sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) **Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------